MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 513/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Spiridione Muscat (K.I. 91854M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' mitejn disgha u tletin ewro u wiehed u erbghin centezmi (€239.41) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 1021450 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ikkontesta r-risposta.

Ra li fir-risposta tal-konvenut gie sollevat:
1. illi l-esponent m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici;
2. illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici ddekadiet bil-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2148(a) tal-Kodici Civili.

Ra mill-atti li l-konvenutipprezenta risposta intavolata nhar l-04 t'Awissu, 2009, li ghalkemm m'hijiex skont il-forma rikjesta mill-ligi t-Tribunal fic-cirkostanzi accettaha. It-Tribunal qed jirreleva pero' li la l-konvenut u lanqas d-difensur tieghu imsejjhin tlett darbiet skont il-ligi ma dehru ghas-seduta tal-21 ta' Jannar, 2010 kif ukoll ghas-seduta tal-4 ta' Frar, 2010.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-21 ta' Jannar, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih quddiem dan it-Tribunal illum ghalkemm debitament imsejjah tlett darbiet skont il-ligi.

Ra li ghalkemm fis-seduta ta' nhar ta' l-04 ta' Frar, 2010 la kien deher il-konvenut u lanqas ma deher l-avukat difensur tieghu, t-Tribunal kien iddecieda li jaghti differiment iehor ghal-ghotja tas-sentenza in subizzjoni u dan sabiex ikun zgur li mexa b'mod gust u ekwu mal-konvenut.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------